**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 4 ta' Ottubru 2001**

**Numru 1**

**Avviz numru 147/01**

**Vincent Cuschieri Limited**

**vs**

**John Camilleri**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' mitejn seba u ghoxrin lira u erbghin centezmu (Lm227.40c) prezz ta' merci mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta attrici lill-konvenut fuq inkarigu tieghu.

Bl-ispejjez inkluzi hames liri u hamsa u sebghin centezmu (Lm5.75c) ghall-ittra interpellatorja tat-2 ta' Ottubru 2000, tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Jannar 2001 u bl-imghaxijiet legali mid-data tat-talba sad-data ta' effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzzjoni.

Ra li l-konvenut baqa ma ipprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr Anna Barbara tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**